# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 5 ta' Mejju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Ommissis 1**
**Ommissis 2**
**Marvic Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Ommissis 1**;
**Ommissis 2; u**

**Marvic Mercieca,** u detentur ta' karta ta' identita b'numru 7284.

Akkuzati talli nhar l-4 ta' Mejju, 2018 ghal habta tas-07:00pm gewwa l-Marsa,

1. Ikkommetew serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma' jiskorrix l-ammont ta' €2, 329.37 ghad-detriment ta' Mate GERA ta' nazzjonalita Ungeriza u/jew ta' persuna, persuni u/jew xi entita jew entitajiet ohra;
2. U aktar talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarrest lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Mate GERA kontra l-volonta tieghu, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex Mate GERA ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu;

Lil Omissis 1 wahdu akkuzat talli;

3. B'hekk ikkommetta reat punibbli ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' xahar prigunerija sospizi ghal sitt xhur moghtija lilu mill-Magistrat Dr G Mercieca LL.D nhar it-12 ta' Frar, 2018
4. Kif ukoll ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal sena moghtija lilu mill-Magistrat Dr G Mercieca LL.D nhar id-09 ta' April, 2018.

Lil Omissis 2 wahedha akkuzata talli

5. B'hekk ikkomettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Dr Antonio Mizzi LL.D nhar is-07 ta' Marzu, 2017;

Il-Qorti, giet mitluba titratta ma' Omissis 1, Omissis 2 u Marvic Mercieca bhala recidivi ta' diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu u dan ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' hijta barra milli tappika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat Marvic Mercieca ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex jikkommetti dawn ir-reati u l-bzonn li ghandu ta' ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a)(c), 262(1)(a), u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq aammissjoni ssib lill-imputat Marvic Mercieca hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f''l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jsegwi programm  ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordninarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghoti.

Il-Qorti qed tordna n-notikifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**